MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2006

Appell Civili Numru. 1537/2005/1

**Casa D'Arte Limited**

**vs**

**Charles Bristow u Carol Maureen Bristow**

**Il-Qorti,**

Fit-3 ta' April, 2006 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal

Ra l-Avviz li permezz tieghu s-socjeta` attrici talbet hlas tas-somma ta' tlett mija u tmienja u erbghin lira Maltin (Lm348) rapprezentanti bilanc li ghadu dovut fuq prezz ta' kcina mahduma u kkonsenjata lill-konvenuti f' Ottubru 2004, bl-imghax u l-ispejjez inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali tat-23 ta' Mejju 2005.

Ra r-risposta tal-konvenuti li permezz taghha eccepew li l-kcina ma kenitx tal-kwalita` patwita ghaldaqstant s-socjeta` attrici ma tistax tippretendi hlas tal-bilanc qabel ma tikkonsenja dawk il-partijiet ta' l-istess kcina li ghadhom neqsin u/jew li gew mibdula.

Ra l-affidavits ta' George Zerafa u Carmel Bartolo.

Ra x-xhieda ta' George Zerafa, Carmel Bartolo, Charles Bristow u Maureen Bristow.

Ra d-dokumenti esebiti.

Sema t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra

Mill-atti jirrizulta li l-konvenuti ordnaw kcina minghand is-socjeta` attrici ghall-prezz ta' elf tlett mija u erbghin lira Maltin (Lm1,340); il-kcina giet ikkonsenjata u ghad baqa' bilanc dovut ta' tlett mija u tmienja u erbghin lira Maltin (Lm348).

Jirrizulta wkoll li mal-konsenja tal-kcina l-konvenuti ghamlu xi ilmenti u bhala rizultat tad-diskussjonijiet li saru bejn il-partijiet is-socjeta` attrici accettat li tbiddel ghaxar bibien.

Dak in-nhar tal-konsenja s-socjeta` attrici naqset li twahhal is-side panels tal-kcina. Eventwalment il-konvenuti ghamlu lment dwar il-handles li kienu qed jissaddu; is-socjeta` attrici accettat li tbiddel dawn il-handles.

Il-konvenuti kellhom xi lmenti ohra dwar l-ispazju li kien hemm bejn il-hajt u l-kcina u anke dwar il-mod kif saret il-parti tal-kcina ta' fuq il-fridge. Pero' li jidher li dawn l-ilmenti kienu sekondarji ghall-konvenuti.

F' din il-kawza m' hemmx kontestazzjoni dwar il-fatti fuq esposti ghax is-socjeta` attrici tammetti li accettat li tibdel l-ghaxar bibien u l-handles u li dawn ma gewx mibdula;

taccetta wkoll li s-side panel ma gietx installata; filwaqt li l-konvenuti jaccettaw li ghad baqa' bilanc mill-prezz ta' tlett mija u tmienja u erbghin lira Maltin (Lm348).

Il-punt li ghandu jigi deciz huwa jekk is-socjeta` attrici kienet gjustifikata tippretendi hlas tal-bilanc ta' tlett mija u tmienja u erbghin lira Maltin (Lm348) meta ghad jonqos li jinbidlu l-bibien u l-handles u li tigi installata s-side panel.

F' dan ir-rigward it-Tribunal jirrileva li fil-waqt li huwa fatt li l-kcina kif konsenjata baqghet fil-pussess tal-konvenuti u ma gietx depozitata, huwa fatt ukoll li dak in-nhar tal-konsenja l-partijiet waslu fi ftehim iehor u cioe li jinbidlu l-bibien u sussegwentement ftehmu ukoll li jinbidlu xi handles. Huwa fatt ukoll li hadd mill-partijiet ma ttermina l-kuntratt ta' appalt vigenti bejniethom u lanqas qed jitolbu t-terminazzjoni tieghu.

Konsegwentement u anke fuq bazi ta' ekwita` t-Tribunal jikkonsidera t-talba tas-socjeta` attrici bhala wahda ntempestiva.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad it-talbiet attrici minhabba li ntempestiva bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici, b' riserva ghal kull dritt spettanti lill-kontendenti meta jigi esegwiet l-appalt."

Fl-appell interpost mis-socjeta` attrici fil-kontestazzjoni ta' din is-sentenza l-ilment generali taghha hu dak li t-Tribunal ghamel valutazzjoni hazina tal-fatti u tal-ligi. B' mod specifiku tissottometti illi, ghax il-konvenuta accettaw il-kcina u huma ghamlu uzu minnha, allura s-somma bilancjali domandata ghandha tithallas. Tobbjetta wkoll illi ma ngiebetx prova li l-kcina ma kienetx tal-kwalita` pattwita. *In finis*, tafferma illi lanqas kieku riedet ma setghet tirrimedja minhabba l-attitudni intransigenti tal-konvenuti;

Il-fatti ewlenin tal-kawza qed jigu hekk ri-epilogati:-

(1) Il-konvenuti ppjazzaw ordni ghall-manifattura ta' kcina *fitted* desinjata bl-isem "Tropical Beach Finish Kitchen" skond l-i*specifications* u t-termini appattwiti fil-kuntratt ta' ftehim tas-17 ta' Lulju 2004 (ara kopja a fol. 13). Il-mizurazzjonijiet ta' l-ambjent fejn kellha tigi kollokata din il-kcina ttiehdu minn Carmelo Bartolo, direttur tas-socjeta` attrici. Ara Affidavit tieghu a fol. 18;

(2) Fil-fazi tat-tqeghid taghha l-konvenuti osservaw certi nuqqasijiet u difetti fiha; *inter alia*, fil-bibien, is-*side panel* tal-*fridge* u t-thollija ta' spazju bejn il-hajt u l-kcina. Ara deposizzjoni tal-konvenut Charles Bristow a fol. 37;

(3) Ir-rapprezentanti tas-socjeta` attrici rrikonoxxew l-ezistenza ta' whud mill-ilmenti denunzjati u gie issuggerit minnhom li certu xoghol difettuz fil-bibien u fil-*handles* jigu rimpjazzati u li jitqieghed il-genb konness mal-*fridge*. Ara Affidavit ta' George Zerafa, direttur iehor tas-socjeta` attrici a fol. 10;

In bazi ghall-premessi fatti t-Tribunal ikkwalifika l-kontrattazzjoni bejn il-partijiet bhala wahda ta' appalt, u dan avolja d-dokument a fol. 13 jirreferi ghall-"Conditions of Sale". Din il-konfigurazzjoni tal-ftehim negozjali hi ta' somma importanza in kwantu, kif maghruf, l-obbligazzjonijiet li jitnisslu mill-kuntratt wiehed jew l-iehor huma ben distinti. Bazikament, "*la distinzione tra vendita e appalto, nei casi in cui la prestazione di una parte consiste sia in un dare, sia in un facere, non si esaurisce nel dato meramente oggettivo del raffronto fra il valore della materia e il valore della prestazione d' opera, essendo, all' uopo, necessario avere riguardo alla volonta` dei contraenti, per cui si ha appalto quando la prestazione della materia costituisce un mezzo per la produzione dell' opera ed il lavoro è lo scopo essenziale del negozio, in modo che le modifiche da apportare alle cose, pur rientranti nella normale attivita` produttiva del soggetto che si obblighi a fornirle ad altri, consistono non gia in accorgimenti marginali e secondari diretti ad adattarle alle specifiche esigenze del destinatario della*

*prestazione, ma sono tali da dare luogo ad un 'opus perfectum', inteso come effettivo e voluto risultato della prestazione*" (**Qorti Taljana ta' Kassazzjoni, 21 ta' Gunju 2000, Numru 8445**). Ara f' sens konsimili ghal dawk li huma l-kriterji distintivi bejn *locatio operis* u vendita s-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell, Sede Kummercjali, in re "**George Vassallo -vs- Lawrence Fenech *et nomine***", 26 ta' April 1988;

Ipprecizata din l-qaghda guridika tal-kuntratt, l-implikazzjonijiet derivanti mill-appalt huma diversi u ben noti. A skans tar-ripetizzjoni taghhom din il-Qorti tirreferi ghal xi sentenzi taghha dwarhom: "**Raymond Borg *et* -vs- Hal Mann Limited**", 20 ta' Ottubru 2003 u "**Pierre Darmanin -vs- Moira Agius *et***", 25 ta' Ottubru 2004. Jinghad biss li dan kollu qed jigi sottolinejat in kwantu, gjaladarba l-ftehim gie kazellat bhala wiehed li ghandu mill-indoli ta' appalt, kull referenza ghall-kwalita` pattwita ta' l-oggett jew ghall-uzu taghha, sinjifikanti f' materja ta' vendita, ma ticcentrax, imbaghad, fi kwestjoni tal-kuntratt ta' appalt hawn ikkontemplat;

Issa gja gie osservat mill-fatti fuq esposti, illi s-socjeta` appellanti, tramite ir-rapprezentanti taghha, irrikonoxxiet l-ezistenza ta' certi difetti u dan, implicitament, jammonta ghall-accettazzjoni tal-kontestazzjonijiet sollevati mill-konvenuti appellati tal-konsistenza tal-vizzji denunzjati fl-opra manifatturata. Tali rikonoxximent ragonevolment jissostitwixxi ruhu ghall-prova fir-rigward mistennija mill-konvenuti, anke jekk, fir-realta` processwali, din il-prova mill-konvenuti tinsab sew stabbilita. Mhux dan biss pero`. Jekk wiehed joqghod ghad-deposizzjonijiet tar-rapprezentanti tas-socjeta` appellanti jirrizulta wkoll ipprovat illi dawn accettaw ukoll li jeliminaw id-difetti riskontrati. Jitnissel, allura, b' konsegwenza illi, kif korrettement irragunat mit-Tribunal, dak ir-rikonoxximent u dak l-impenn jaghtu lok ghal rapport gdid;

Fuq dan l-ahhar punt il-motivazzjoni tat-Tribunal tidher li hi in sintonija ma' dak sostenut mill-**Qorti Taljana ta' Kassazzjoni** fid-decizjoni taghha ta' l-**1 ta' Awissu 1990 (Nrumu 8202)** fejn proprju gie ritenut illi, "*il*

*riconoscimento dei vizi o delle difformita` dell' opera da parte dell' appaltatore, che importa la superfluita` della tempestiva denuncia da parte del committente è sussistente anche se l' appaltatore, ammessa l' esistenza del vizio, contesti o neghi in qualsiasi modo e per qualsiasi ragione la propria responsabilita`, e da origine ad un rapporto nuovo, fonte di autonome obbligazioni per l' appaltatore*";

Bla dubju l-konsegwenza li temergi minn dan ir-rapport gdid tibqa' dik li, skond gurisprudenza pacifika, sakemm ma jkunux gew eliminati d-difetti jew ix-xoghol jithalla inkompletat, l-azzjoni ghall-hlas titqies li tkun intempestiva. Ara, a propozitu, **Kollez. Vol. XLIV P II p 574** u **Vol. XLVII PI p 650**. Certament, ma jistax f' sitwazzjoni konsimili tigi ammessa bhala proposizzjoni accettabbli dak pretiz mix-xhud Carmelo Bartolo fejn fl-Affidavit tieghu jtenni li "kemm-il darba s-sinjuri Bristow ihallsu dak li huwa dovut lill-kumpanija taghna, lesti li naturalment nispiccaw ix-xoghol taghna ..." (fol. 19);

B' risposta, imbaghad, ghal certa sottomissjoni tas-socjeta` appellanti jista' jizdied illi l-fatt lill-appellati ghamlu uzu mill-kcina dan bl-ebda mod ma jtellifhom mid-dritt li jinsistu ghall-adempiment ta' l-obbligazzjonijiet assunti mis-socjeta` appellanti fir-rapport gdid intervenut bil-fatt tar-rikonoxximent minnha tad-difetti u ta' l-impenn li teliminahom;

In vista ta' dan kollu li nghad din il-Qorti ma tarax li tezisti raguni sufficcjenti biex tiddiskosta ruhha mill-motivazzjoni u konkluzjoni tat-Tribunal.

Ghal motivi premessi u dawk tat-Tribunal din il-Qorti tirrespingi l-appell u tikkonferma s-sentenza denuncjata, bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------